Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 10**

**Data:** It-Tlieta, 18 t' Ottubru 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Sala, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

## 10.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 9

10.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

## 10.2 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 10

10.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Clifford Galea Vella, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-11 ta' Settembru 2022 u 18 t' Ottubru 2022 li kienet tammonta għall-€204,644.87.

## 10.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 9

| | |
|---|---|
| **10.3.1 Seminar – Planning Development Fund** | Il-President semma li nhar 28 t' Ottubru 2022 kien qed jiġi mħejji seminar fuq in-nofs ta' nhar ta' filgħodu flimkien ma rappreżenatnti tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-President semma li parti mill-finanzjament ta' dan is-seminar kien ser issir mill-EEA Funds. |
| **10.3.2 Covenant of Mayors** | Il-President semma li CEMR kienu ser jibgħatu rappreżentanti tagħhom sabiex waqt il-laqgħa Plenarja ġewwa Għawdex jagħtu preżentazzjoni fuq il-Covenant of Mayors kif ukoll dettalji ta' kif Kunsill Lokali jħejji SECAP. Semma li ser ikun ukoll qed jiġi organizzat workshop is-Sibt filgħodu ġewwa Cittadella għall-Uffiċjali Maniġerjali. |
| **10.3.3 Rotta tal-Fenċi** | Il-President semma li ir-Reġjun Punent kien ser jibgħat lill-Uffiċjal tal-Kultura għal Laqgħa Anwali ta' Rotta tal-Feniċi ġewwa l-Kroazja. |
| **10.3.4 Infrastruttura Malta** | Il-President semma li kienu għaddejjin laqgħat ma' Infrastruttura Malta sabiex jiġi organizzat Business Breakfast min-naħa tagħhom għas-Sindki u Kunsilliera sabiex jagħtu tagħrif dwar proġetti li IM ser tkun qed tiskeda għax-xhur li ġejjin. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **10.3.5 Ħaddiema CIES** | Il-President semma li kien hemm konferma min-naħa tad-Diviżjoni li l-AKL kienet ser tirċievi fondi għas-salarji tal-ħaddiema ta' CIES għas-sena 2023 għaldaqstant il-kuntratti kienu ser jiġġeddu għal sena oħra. |
| **10.3.6 Laqgħat mal-Awtorita' tal-Artijiet** | Il-President semma li kien gaħdu qed jistenna data għal-laqgħa li huwa talab lill-Awtorita' tal-Artijiet. |
| **10.3.7 Stedina għall-kungress ġewwa Iżrael** | Il-President semma li l-prezzijiet tal-flights kienu wisq għoljin u anki Per Diem Allowance huwa wieħed mill-aktar għoljin. Semma li biex il-flights ikunu bi prezz raġonevoli kien ser ikollhom joqgħodu kważi ġimgħa hemm hekk u għaldaqstant in-nefqa tal-Per Diem kienet ser titla' mhux ħazin. Għaldaqstant, il-President informa li l-AKL kienet ser twaqqa l-interess tagħha li tattendi għal din il-konferenza. |
| **10.3.8 Korsijiet ta' taħriġ** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għaddejja bil-preparament sabiex tiskeda l-kalendarju ta' taħriġ għas-sena 2023. |

**10.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2022**

10.4.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju hekk kif mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport kif preżentat.

10.4.3 Is-Sur Max Zammit, is-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Steven Axisa daħlu għal-laqgħa fis-17:50.

**10.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **10.5.1 Taħriġ fil-lingwa Maltija** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tikkomunika mad-Dipartiment tal-Malti ġewwa l-Universita' ta' Malta sabiex matul is-sena d-dieħla jiġi offrut taħriġ fil-lingwa Maltija. |
| **10.5.3 ECAD** | Il-President semma li kien hemm korrispondenza mill-ECAD li kienu proponew li l-konferenza tas-Sindki għas-sena 2023 |

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

issir ġewwa Malta. Il-President semma li kien ser jagħmel talba mal-MTA sabiex jara jistgħux jigħinu finanzjarjament.

**10.5.4 Trust Pay**

Il-President semma li l-AKL kienet irċievi komunikazzjoni mit-Trust Pay sabiex il-kont bankarju jingħalaq minħabba li fih ma daħlux biżejjed transazzjonijiet. Il-President semma li ser ikun qed jikkomunika ma' Trust Pay sabiex jara hux possibbli jinżamm il-kont miftuħ sabiex jintuża għal xi ħaġa oħra bħal ħlasijiet għal-laqgħat u konferenzi.

**10.5.5 FSWS**

Il-President semma li kienet għaddejja komunikazzjoni mal-ESPAD u FSWS sabiex possibbilment is-sena d-dieħla tittela' konferenza bejn l-entitajiet immirata biex twassal tagħrif lill-Kunsilli Lokali.

**10.5.6 CEMR – Konferenza fuq Finanzi**

Il-President semma li l-AKL kienet irċeviet stedina sabiex rappreżentant jattendi taħriġ ġewwa Brussel fuq Finanzi organizzat mis-CEMR. Il-President semma li minħabba ħafna xogħol li għaddej fl-Assoċjazzjoni u impenji oħra ma kien hemm ħadd li kien disponibbli li jattendi.

**10.5.7 Twinning – Kunsill Lokali Siġġiewi**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċeviet rikjesta mid-Direttorat għall-Iskemi fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex ikun approvat twinning bejn is-Siġġiewi u l-Polonja. Il-President semma li minkejja li l-AKL tat l-approvazzjoni tagħha għal dan it-twinning, il-President semma li f' dan l-istadju ma jiġux provduti dettalji oħra sabiex tittieħed deċijoni aktar informattivi.

**10.5.8 Richmond Foundation**

Il-President semma li għaddejja komunikazzjoni ma' Richmond Foundation sabiex matul is-sena d-dieħla jiġi provdut taħriġ fuq Mental First Aid. Semma wkoll li għad fadal xi fondi mill-EEA Grants li huma allokati għall-attivita' bit-tema Connecting Colleagues u li l-AKL ser tkun qed taħdem ma' Richmond Foundation biex torganizza attivita' sa l-aħħar tas-sena 2022.

**10.5.9 Survey mill-AKL**

Il-President semma li qabel l-Assoċjazzjoni kienet tagħmel survey kull tliet xhur bejn ir-residenti. Semma li għal din l-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

istatistika kienet tkun ikkummissjonata minn kumpanija privata. Il-President semma li dan is-survey irid ikun wieħed xjentifiku sabiex minnu wieħed ikun jista' joħroġ benchmark għall-Kunsilli Lokali.
Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha tibda tesplora metodi ta' kif dan jista' jerġa' jibda jsir.

**10.5.10 Open Week ġewwa Brussel**

Il-President semma li jinstab diżappuntat għall-fatt li kien hemm ħafna li telgħu Brussel għal- Open Week organizzata mill-Kumitat tar-Reġjuni u minkejja li kienu hemm ftit li xejn attendew workshops u laqgħat. Semma li dan ma jawgurax tajjeb lanqas għad-delegazzjoni Maltija fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni.
Dr. Azzopardi qabel mal-President u semma li għandha tittieħed nota ta' min kien parteċipi fil-workshops sabiex is-sena d-dieħla jekk ikun hemm opportunita' simili wieħed jagħżel min jitla' jirrappreżenta l-lokalitajiet.

**10.5.11 Ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali**

Il-President semma li kienu għaddejjin laqgħat kontinwi bejn il-Ministeri, ERA u anki Wasteserv. Semma li wara li l-laqgħa li kien hemm ma' l-Onor. Miriam Dalli fuq is-suġġett kienu għadhom ma ngħatawx risposti fuq l-assigurazzjoni ta' fondi li r-Reġjun irid jiġbor mingħand l-iskemi għall-ġbir ta' skart riċiklabbli, pjan ta' infurzar aktar effettiv, kampanja edukattiva fost l-oħrajn.
Semma wkoll li s-sejħiet ta' żewġ Reġjuni kienu għadhom qed jiġu evalwati.

**10.5.12 Ġbir ta' organiku minn stabbilimenti tal-ikel minn żoni turistiċi**

Il-President semma li għaddejjin b' kmomunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex tiġi approvata estenzjoni għal 14-il ġimgħa bi tliet ġabriet fil-ġimgħa. Semma li dan irid jiġi approvat taħt il-klawżola ta' 30% modifikazzjoni hekk kif stipulata fis-sejħa.

**10.5.13 Laqgħa ma' Transport Malta**

Il-President semma li kienet intalbet laqgħa ma' l-Onor. Aaron Farrugia sabiex jiġu diskussi l-escooters. Semma li data għal din il-laqgħa għad m'hemmx. Semma li l-iskop huwa li jibda jinbena qafas għal tibdil leġislattiv fejn jidħlu l-escooters. Il-President semma li b' mod parallel għandha

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

tinbeda diskussjoni mas-Sindki u l-Uffiċjali Maniġerjali tar-Reġjuni.

**10.5.14 Żjar ġewwa t-Turkija**

Il-President irringrazzja lid-delegazzjoni li telgħu jirrappreżentaw lill-Malta. Semma wkoll li min xi feedback li ħa anku mingħandu is-Sur Stephen Sultana, għal darb' oħra iż-żjara kellha tkunu daqsxejn aktar ikkordinata forsi anki bl-għajnuna tal-Assoċjazzjoni.
Is-Sur Sultana irringrazzja lill-Assoċjazzjoni tal-opportunita', semma li kien daqsxejn diżappuntant li bħal pereżempju għall-lejla kulturali ta' Malta minn delegazzjoni ta' kważi għoxrin persuna attendew tlieta biss.

**10.5.15 Green Roof**

Il-President semma li dan issa kien tlesta u li kienet ser tinxtara l-għamar għal fuq il-bejt.

**10.5.16 Place for Play**

Il-President semma li l-AKL ġiet ikkuntatjata sabiex tidħol bħala Project Partner fil-proġett Place for Play.

**10.5.17 Fun Run – President**

Il-President semma li ser ikun hemm it-tnedija tal-Fun Run nhar 28 t' Ottubru filgħodu. Semma wkoll li l-AKL ser tkun qed tqassam il-flokkijiet tal-Fun Run ġewwa l-Kunsilli Lokali.

**10.5.18 Sejħa għal Segretarju ta' Delegazzjoni CoR / CoE**

Il-President semma li l-evalwazzjoni tas-sejħa kienet tlestiet u kien hemm qbl li s-servizz jibda minn Jannar 2023.

**10.5.19 Reġjun Port**

Il-President semma li l-President tar-Reġjun Port ser ikun qed jistrieħ għal ftit ġimgħat minħabba saħtu, semma wkoll li r-Reġjun għadu għaddej minn awditjar u ser ikun qed jara flimkien mal-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv il-pjan ta' ħidma tar-Reġjun u flimkien ifasslu triq 'l quddiem kif bil-mod ir-Reġjun jista' jerġa' jibda jopera.

**10.6 Aġġornament**

10.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ħamis, 24 ta' Novembru 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.11 li nżammet nhar il-Ħamis, 24 ta' Novembru 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**